MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 300/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Etienne Turner**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Etienne Turner talli fis-16 ta' Dicembru 2001 ghall-habta ta' 9.00 pm, fil-Qawra --

(1) saq jew ipprova issuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru. FAR-174 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, u

(2) aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura fit-triq jew f' post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

Il-prosekuzzjoni talbet li jigu applikati l-provedimenti ta’ l-Artiklu 15H ta’ Kap. 65 u li l-imsemmi Turner jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta’ mhux anqas minn sitt xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Etienne Turner mhux hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u illiberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fil-4 ta’ Dicembru 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. F’dan il-kaz l-Avukat Generali ghandu dritt ta’ appell kemm fuq punti ta’ fatt kif ukoll fuq punti ta’ dritt skond ma jipprovdi l-Artikolu 63 (gia 26) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65.
2. L-ewwel qorti lliberat lill-appellat ghar-ragunijiet segwenti:

**Illi mill-provi prodotti l-*breath alcohol test record* huwa monk u m’ghandux il-firma ta’ l-operatur tieghu. Illi l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Marisa Camilleri ma xheditx fis-sens li ma kkonfermatx l-identita` tal-imputat fil-konfront tar-rizultat ezibit minnha. Illi d-difiza sostniet li l-analizi ma jikkostitwix prova fil-konfront ta’ l-imputat peress li jirrizulta dubbju jekk effettivament ittiehditx mill-Ufficjal Prosekutur jew minn haddiehor.**

3. Mill-provi mismugha minn din il-Qorti fl-udjenza tat-2 ta’ Mejju, 2003 – konsistenti fid-deposizzjoni tal-Ispettur Marisa Camilleri u tal-Kuntistabbli 230 Joseph Buhagiar – jirrizulta li fil-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjoni il-Kuntistabbli Buhagiar sab lill-appellat hdejn il-mutur tieghu FAR-174 li kien fl-art wara li dan (cioe` Turner) kien allegatament habat ma’ vettura tat-tip Pajero. Meta Buhagiar mar ikellem lill-appellat, dan evidentement

kien fis-sakra, kemm mill-mod kif beda jitkellem[1] kif ukoll mir-riha ta' xorb li kellu. Il-Kuntistabbli sejjah lil tal-*Mobile* biex isir it-test tan-nifs, cioe` t-test preliminari jew *roadside test* (Art. 15C u 15I(1), Kap. 65)[2] u dan it-test ta' rizultat ta' 79 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs. Ghalhekk l-appellat ittiehed id-Depot tal-Pulizija il-Furjana biex issir l-analizi ta' zewg kampjuni tan-nifs skond ma jipprovdi l-Artikolu 15E tal-Kap. 65. Din l-analizi saret mill-Ispettur Marisa Camilleri, li kkonfermat li z-zewg dokumenti a fol. 6 u 7 tal-atti – *printout* tar-rizultat ta' l-analizi – kienu jirreferu ghall-appellat. Ir-rizultat ta' l-analizi taz-zewg kampjuni kien ta' 56 u 58 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs, b'mod li anke jekk wiehed jiehu l-qari l-aktar baxx (Art. 15F(1)), ir-rizultat kien li l-"limitu preskritt" kien gie maqbuz (Art. 15I(1)).

4. Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser f'diversi sentenzi taghha (ara ***Il-Pulizija v. Francis Pace*** App. Krim. 2/9/1999; ***Il-Pulizija v. Claire Falzon*** App. Krim. 5/3/2001) ghall-fini tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15A(1) jista' jittiehed in konsiderazzjoni anke r-rizultat tar-*roadside test* li flimkien ma' provi ohra jkunu juru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tara li fuq il-provi li rrizultaw l-ewwel qorti ma setghetx tillibera mill-ewwel imputazzjoni, imputazzjoni li tipotizza proprju r-reat kontemplat fl-imsemmi Artikolu 15A(1) tal-Kap. 65.

5. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, pero`, hemm problema aktar *di fondo* minn dik tas-semplici regolarita` formali tal-*printout* minhabba li ma kienx iffirmat mill-Ispettur Camilleri. Kif tajjeb osserva l-abbili difensur tal-appellat fil-kors tat-trattazzjoni tieghu, is-subartkolu (5) tal-Artikolu 15E jipprovdi li *"l-analizi ta' xi kampjun…"* li jinghata skond id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 15E *"…ghandu jsir f'laboratorju li jigi approvat b'ordni tal-*

[1] "Sakemm qadna nistennew lil tal-*Mobile* [beda] jitkellem mhux ta' bniedem f'sensieh, kien jidher li huwa xurban."

[2] Ghad-differenza bejn "test tan-nifs" u analizi ta' kampju jew kampjuni tan-nifs permezz ta' strument approvat, ara *inter alia* ***Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri*** App. Krim. 30/4/1999 u ***Il-Pulizija v. Julian Sciberras*** App. Krim. 13/3/2001.

*Ministru li jigi pubblikat fil-Gazzetta [tal-Gvern]…”*. Issa, fid-data tas-16 ta’ Dicembru, 2001 l-Avviz Legali relattiv (A.L. 129/1998) kien jipprovdi li tali analizi ghandha ssir fil-Laboratorju Forensiku fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. L-analizi li ghamlet, permezz ta’ l-istrument stabbilit, l-Ispettur Camilleri ma ghamlitux f’dan il-Laboratorju Forensiku izda f’kamra fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija (ossia d-Depot) li certament ma kienitx tifforma parti minn dan il-Laboratorju. Jigi rilevat ghal kull buon fini li llum tali analizi trid issir fil-Laboratorju Nazzjonali ta’ Malta, Evans Buildings, Triq Merkanti, Valletta (ara l-A.L. 366/2002 li emenda l-A.L. 129/1998). Huwa veru li din il-Qorti (sedenti l-allura Imhallef P. Vella) fis-sentenza taghha tal-20 ta’ Marzu, 2000 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Mario Camilleri*** kienet waslet ghall-konkluzzjoni li s-subartikolu (5) tal-Artikolu 15E kien jirrefri biss ghall-analizi tal-kampjuni tad-demm u ta’ l-urina. Din il-Qorti, kif issa komposta, ma tistax taqbel ma’ dik id-decizzjoni. Huwa veru li l-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 15E donnhom jaghmlu distinzjoni bejn il-kampjuni tan-nifs (fejn jissemma’ espressament l-istrument li bih dawn il-kampjuni ghandhom jigu analizzati) u l-kampjun tad-demm u z-zewg kampjuni ta’ l-urina (fejn jinghad li dawn ghandhom jigu analizzati *“…fil-laboratorju…”*). Pero` jekk wiehed jara l-Avviz Legali relattiv, ir-regolamenti jissejhu proprju *“Regolamenti dwar Strumenti u Laboratorji ghat-Testijiet tan-Nifs”* (sottolinear tal-Qorti). Apparti li dawn ir-regolamenti kellhom proprjament jirreferu ghal “analizi” u mhux “testijiet”, l-enfazi kjarament qieghda fuq “in-nifs”, u ghalhekk kwasiasi dubbju li seta’ kien hemm dwar jekk l-analizi taz-zewg kampjuni tan-nifs ghandhiex issir ukoll fil-laboratorju approvat mill-Ministru tnehha mill-istess legislatur. Konsegwentement l-analizi maghmula mill-Ispettur Camilleri f’dan il-kaz ma saritx skond il-ligi ghax ma saritx fil-post stabbilit mill-ligi.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ in parti l-appell ta’ l-Avukat Generali u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni u minflok issibu hati skond din l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-Artikolu 15H(1)(a) tal-Kap. 65 tikkundanna lil Etienne

Turner multa ta’ mitejn u hamsin lira (Lm250) (konvertibbli f’hamsin gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. In vista ta’ dak li jinghad fil-paragrafu numru 5 ta’ din is-sentenza, tordna li kopja taghha tigi komunikata mir-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------